MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2015

Citazzjoni Numru. 907/2014

**Ellith Management & Sales Limited (C52783)**

**vs**

**Capstone Advisory Co. Limited (C49411)**

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Maħluf tas-soċjetà rikorrenti ppreżentat fis-17 ta' Ottubru, 2014, li jgħid hekk:

> *1. Illi s-soċjetà rikorrenti ngaġġjat lis-soċjetà intimata sabiex tippresta servizzi professjonali relatati ma' accounting, auditing, Income Tax compliance u VAT compliance fost oħrajn.*

*2. Illi minkejja tali ftehim sabiex jiġu reżi s-servizzi professjonali msemmija da parti tas-soċjetà intimata, din tal-aħħar naqset milli tagħmel dak mitlub minnha jew fejn tali servizz ġie effettivament reż, dan sar tardivament, jew b'nuqqas ta' professjonalità u diliġenza bi preġudizzju għas-soċjetà rikorrenti kif ser jiġi ppruvat fil-mori tal-kawża.*

*3. Illi s-soċjetà rikorrenti sofriet danni inġenti inter alia minħabba li s-soċjetà inimta:*

*(a) tilfet għadd ta' dokumenti appartenenti s-soċjetà rikorrenti;*
*(b) talbet informazzjoni li diġà kellha għad-dispożizzjoni tagħha (li wassal għal telf ta' żmien inutli);*
*(c) naqset milli tippresta s-servizzi professjonali tagħha;*
*(d) fejn effettivament irrendiet servizzi, dawn ġew reżi b'nuqqas ta' professjonalità u diliġenza;*
*(e) naqset milli tippresta l-istess servizzi professjonali fil-ħin u fiż-żmien prefiss anki mill-awtoritajiet kompetenti.*

*4. Illi minkejja li sar ħlas da parti tas-soċjetà rikorrenti a favur tas-soċjetà intimata , din tal-aħħar naqset milli tippresta s-servizz tagħha billi ħalliet pendenti kwistjonijiet ta' taxxa, ma ssottomettietx VAT returns relattivi, ma ppreparatx u / jew ma ssottomettietx l-audited accounts u dan bi preġidizzju finanzjarju, fosthom iżda mhux limitatament minħabba multi li ġew imposti fuq is-soċjetà rikorrenti.*

*5. Illi proprju minħabba n-nuqqasijiet, traskuraġni u nuqqas ta' professjonalità u diliġenza tas-soċjetà intimata, is-soċjetà rikorrenti kienet kostretta li tingaġġja s-servizzi ta' terzi biex jagħmlu x-xogħol li l-istess soċjetà intimata kienet oriġinarjament imqabbda tagħmel.*

*6. Illi s-soċjetà intimata qiegħda żżomm dokumentazzjoni u informazzjoni proprjetà tal-istess soċjetà rikorrenti mingħajr ebda raġuni valida fil-liġi b'dan li t-terzi ngaġġjati mill-istess soċjetà rikorrenti sabiex jagħmlu x-xogħol li oriġinarjament kellu jsir mis-soċjetà intimata ma jistax jitkompla u tali aġir ukoll qed jikkawża danni inġenti lis-soċjetà rikorrenti.*

*7. Illi minħabba l-agir da parti tas-soċjetà intimata, ir-reputazzjoni eċċellenti li għandha s-soċjetà rikorrenti ġiet imtappna u dan bi preġudizzju finanzjarju għaliha u dan kif ser jiġi ppruvat ukoll fil-mori tal-kawża.*

*8. Illi s-soċjetà intimata ġiet interpellata sabiex tersaq għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni sofferti imma baqgħet inadempjenti.*

*Għaldaqstant, tgħid is-soċjetà intimata għaliex din il-Qorti m'għandhiex għar-raġunijiet premessi, u prevja kull dikjarazzjoni oħra li tista' tkun neċessarja:*

1. *Tiddeċiedi u tiddkjara li s-soċjetà intimata naqset milli tottempora ruħha mal-obbligi tagħha naxxenti mill-ftehim viġenti u r-relazzjoni professjonali ta' bejn il-partijiet, kif premess;*
2. *Tiddikjara lis-soċjetà intimata responsabbli għad-danni konsegwenzjali sofferti mis-soċjetà rikorrenti:*
3. *Tillikwida l-imsemmija danni konsegwenzjali prevja n-nomina ta' periti fejn meħtieġ;*
4. *Tikkundanna s-soċjetà intimata tħallas id-danni hekk likwidati.*

*Bir-riżerva għal kull azzjoni fil-liġi kontra l-intimati, nġunti għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tas-soċjetà intimata ppreżentata fl-14 ta' Novembru, 2014, li tgħid hekk:

*Illi l-istanza attriċi hija kompletament infondata fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż, inter alia, għal dawn il-motivi:*

1. *Illi din il-kawża ma hi xejn ħlief azzjoni fiergħa, vessatorja u temerarja, immirata biss biex iddejjaq lis-soċjetà konvenuta u biex l-attriċi tevadi l-obbligi kontrattwali tagħha. L-istess azzjoni ma hi xejn ħlief istanza mressqa b'ritaljazzjoni kontra l-esponenti wara li ntalab id-debitu ħlas għas-servizzi reżi.*

*2. Illi kuntrarjament għal dak allegat mis-soċjetà attriċi u kif ser jirriżulta fil-kors ta' din il-kawża, il-konvenuta pprestat is-servizzi tagħha lill-attriċi bi professjonalità, b'diliġenza u b'perizja u ma hu minnu xejn illi kienet karenti jew inadempjenti f'dan ir-rigward.*

*3. Illi hu obbligu tal-attriċi, ai termini tal-Art. 562 tal-Kod. Proċ. Ċiv, li tressaq provi tajbin, suffiċjenti u rilevanti in sostenn tal-allegazzjonijiet minnha mressqa. In forza ta' dan, ikun xieraq u mistenni li l-attriċi tiddentifika b'mod dettaljat x'inhuma n-nuqqasijiet li tallega fit-tieni u t-tielet premessi tar-rikors ġuramentat u tispjegahom.*

*4. Illi hekk kif ser jirriżulta f'din il-kawża, kienet l-attriċi stess li ma pprestatx id-debita attenzjoni u wriet traskuraġni fir-relazzjoni li kellha mal-konvenuta. Għal dan jista' jingħad biss "imputet sibi" u konsegwentement, għandha twieġeb solament u esklussivament l-istess attriċi.*

*5. Illi mingħajr preġudizzju għal dak eċċepiet u għal dak li ser isegwi, l-attriċi għandha ġġib provi tal-allegati danni u/jew preġudizzji li tallega li sofriet. Apparti minn hekk l-istess attriċi għandha turi, kif inhu obbligu tagħha f'tali ċirkostanzi, kif imminimizzat kwalsiasi allegat dannu jew preġudizzju allegatament imġarrab.*

*6. Illi b'żieda ma' dan jiġi ppuntwalizzat illi l-konvenuta qatt ma' ġiet (u qatt ma setgħet tiġi) inkarigata biex twettaq audit u dan peress li tali mansjoni u/jew servizz imur oltre il-liċenzja tagħha. Fil-fatt, kif ser jirriżulta fil-kors ta' din il-kawża, is-servizzi relattivi għal audit kienu jseħħu minn awditur, ċioè minn Robert Ebejer.*

*7. Illi dak li jikkonċerna ż-żamma ta' dokumentazzjoni u informazzjoni proprjetà tal-attriċi, il-konveuta tirreferi għall-prinċipju ta' "ius retentionis" stante li qua depożitarja hu dritt tagħha li żżomm l-*

*oġġett li fuqu tkun għamlet xogħol sakemm titħallas tas-servizzi tagħha.*

8. *Illi dwar dak li jirrigwarda r-relazzjoni eċċellenti tal-attriċi, għar-reklam ta' ħsara minħabba tali allegat preġudizzju, l-attriċi hija tenuta li ġġib provi dwar tali reputazzjoni. F'kull każ, fil-kors tal-kawża ser jintwera li jekk hemm defiċjenzi f'tali reputazzjoni dawn huma solament attribwibbli lill-istess attriċi u l-aġir tagħha.*

9. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Fid-dawl ta' dan kollu, il-konvenuta qed tipprevalixxi ruħha mill-azzjoni promossa fil-konfront tagħha mill-attriċi preżenti biex in virtù tal-Art. 396 tal-Kod. Proċ. Ċiv., tressaq talba rikonvenzjonali.*

Il-konvenuta rikonvenzjonanti resqet ukoll din il-kontro-talba għat-talbiet tal-attriċi rikonvenzjonata:

*Il-preżenti istanza qed titressaq in virtù tal-Art. 396 Kod. Proċ. Ċiv. hekk kif imfisser fir-risposta ġuramentata preċedenti. Għaldaqstant, il-konvenuta rikonvenzjonanti Capstone Advisory Company Limited (C-49411) permezz tad-direttur tagħha Nicholas Gouder (KI nru. 95385M), li qed jidher ir rappreżentanza tagħha, kif debitament awtorizzat mill-Memorandum and Articles tal-istess soċjetà, bil-ġurament tiegħu jikkonferma s-segwenti fatti li jaf personalment:*

1. *Illi s-soċjetà Elith Management & Sales Limited kienet inkarigat lis-soċjetà Capstone Advisory Co. Limited sabiex din tal-aħħar tipprovdilha servizzi professjonali, inter alia, ta' accounting, income tax compliance, u VAT compliance u servizzi oħra aċċessorji jew relatati.*

2. *Illi nonostante li s-soċjetà Capstone Advisory Co. Limited ipprovdiet tali servizzi lis-soċjetà Elith Management & Sales Limited, din tal-*

*aħħar qed tirrifjuta li tonora l-obbligi tagħha u tħallas l-ammont dovut.*

3. *Illi s-soċjetà Capstone Advisory Co. Limited għandha tirċievi u tieħu mingħand is-soċjetà Elith Management & Sales Limited l-ammont globali ta' tnejn u tletin elf, seba' mija, disa' u sittin euro u għaxar euro ċenteżmi €32,769.10ċ) u dan hekk kif jirriżulta mill-annessi dokumenti.*

4. *Illi għalkemm interpellata sabiex tħallas tali ammont, is-soċjetà Elith Management & Sales Limited baqgħet inadempjenti.*

5. *Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

*Tgħid għalhekk is-soċjetà Elith Management & Sales Limited għaliex din il-Qorti m'għandhiex, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni meħtieġa u mogħtija d-direttivi, provvedimenti u ordnijiet kollha opportuni fiċ-ċirkostanzi:*

I. *Tiddikjara illi s-soċjetà Capstone Advisory Co. Limited ipprovdiet diversi servizzi professjonali lis-soċjetà Elith Management & Sales Limited;*

II. *Tiddikjara illi, konsegwentement, is-soċjetà Capstone Advisory Co. Limited hija kreditriċi tas-soċjetà Elith Management & Sales Limited fl-ammont ta' tnejn u tletin elf, seba' mija, disa' u sittin euro u għaxar euro ċenteżmi €32,769.10ċ);*

III. *Tikkundanna lis-soċjetà Elith Management & Sales Limited tħallas l-imsemmi ammont lis-soċjetà Capstone Advisory Co. Limited.*

*Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tat-30 ta' Settembru 2012, kontra s-soċjetà Elith Management & Sales Limited, u bl-imgħax kummerċjali skont il-Kodiċi tal-Kummerċ (Kapitolu 13 tal-Liġijiet ta' Malta) sal-ħlas effettiv kontra l-istess soċjetà li hija minn issa inġunta għas-subizzjoni.*

Rat ir-risposta maħlufa tas-soċjetà attriċi rikonvenzjonata għall-kontro-talba tal-konvenuta rikonvenzjonanti li ġiet ippreżentata fit-12 ta' Diċembru, 2014 u li tgħid kif ġej:

1. *Illi fl-ewwel lok is-soċjetà esponenti teċċepixxi n-nullità tal-hekk imsejjaħ Rikors Ġuramentat anness mar-risposta ġuramentata tas-soċjetà intimata u dan stante li ċertament mhijiex il-forma adegwata ta' kif għandha ssir kontro-talba għall-kawża odjerna (dejjem jekk din kienet l-intenzjoni tas-soċjetà intimata).*

2. *Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talba tas-soċjetà intimata hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2149(ċ) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

3. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, is-soċjetà esponenti tirrespinġi it-talbiet u l-pretensjonijiet hekk kif diretti fil-konfront tagħha bħala infondati fil-fatt u fid-dritt u dan stante li l-ebda ammont m'huwa dovut.*

4. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, fejn is-soċjetà intimata rrendiet servizz, tali servizz kien tardiv, reż b'nuqqas ta' professjonalità u diliġenza u li fuq kollox wassal għal danni sofferti mill-istess soċjetà esponenti kif diġà ġie spjegat fir-rikors promotur f'aktar dettall.*

5. *Illi subordinatament, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, fi kwalunkwe każ, l-ammont pretiż mis-soċjetà intimata huwa wieħed esaġerat u għalhekk, anke l-ammont mitlub qiegħed jiġi kkontestat.*

6. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Rat l-atti tal-kawża.

Semgħet l-avukat tal-partijiet jittrattaw dwar l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà attriċi rikonvenzjonata għall-kontro-talba tas-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti.

Rat in-Nota ta' referenzi tas-soċjetà rikonvenzjonanti Capstone Advisory Company Limited (C49411) fid-dawl tal-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà rikonvenzjonata.

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta' Jannar, 2015 fejn il-kawża tħalliet għall-11 ta' Marzu, 2015 sabiex tingħata sentenza preliminari dwar l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà attriċi rikonvenzjonata għall-kontro-talba tas-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti.

**Ikkunsidrat:**

Tqis illi is-soċjetà attriċi rikonvenzjonata qiegħda teċċepixxi n-nullità tar- Rikors Ġuramentat anness mar-Risposta Ġuramentata tas-soċjetà konvenuta u dan stante li din mhijiex il-forma adegwata ta' kif għandha ssir kontro-talba għall-kawża odjerna.

Tqis illi s-Sub-titolu I tat-Titolu VIII, tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) jistabbilixxi kemm ir-rekwiżiti formalistiċi u anki dawk sostantivi dwar kif u meta tista' ssir kontro-talba.

> "Fil-kawżi, l-konvenut jista' jagħmel kontro-talba kontra l-attur, basta li din il-kontro-talba tkun konnessa mat-talba tal-attur kif sejjer jingħad hawn taħt:

(a) meta l-kontro-talba tal-konvenut tkun ġejja mill-istess fatt, jew mill-istess kuntratt jew titolu li minnu tkun ġejja t-talba tal-attur; jew
(b) meta l-iskop tal-kontro-talba tal-konvenut huwa li jpaċi l-kreditu mitlub mill-attur, jew li b'kull mod ieħor iġib fix-xejn l-azzjoni tal-attur jew li jimpedixxi l-effetti tagħha"[1].

Għal dik li hija forma li biha ssir il-kontro-talba, il-liġi[2] tgħid illi:

*"(1) Il-konvenut li jkun irid jipproponi r-rikonvenzjoni, għandu jagħmel il-kontro-talba tiegħu fir-risposta bil-miktub għar-rikors ġuramentat jew le.*
*(2) Il-kontro-talba għandha titressaq wara l-eċċezzjonijiet għat-talba oriġinali li jsiru kif meħtieġ bil-liġi; u l-konvenut għandu, dwar il-kontro-talba jħares, kemm jista' jkun, ir-regoli stabbiliti b'dan il-Kodiċi jew b'xi liġi oħra għall-att proċedurali li bih il-proċedimenti kienu l-ewwel inbdew.*
*(3) Meta l-proċedimenti jkunu b'rikors ġuramentat, kontro-talba magħmula fir-risposta ġuramentata tkun tiswa daqs preżentata ta' rikors ġuramentat dwar dik it-talba, li għandha tiġi notifikata lill-attur, li għandu jipproċedi daqslikieku kien il-konvenut dwarha; u f'kull każ bħal dan, l-egħluq tal-proċedimenti preliminari bil-miktub u l-applikazzjoni tal-artikoli 151 u 152 għandhom jibdew mal-preżentata ta' dik ir-risposta ġuramentata mill-attur jew malli jagħlaq iż-żmien għall-preżentata tagħha.*

Il-liġi tipprovdi li l-kontro-talba għandha ssir "fir-risposta bil-miktub għar-rikors ġuramentat <u>jew le</u>"[3]. Iġifieri il-liġi mhijiex tassattiva li l-kontro-talba trid bilfors issir fir-risposta bil-miktub għar-rikors ġuramentat. Skont l-Artikolu 398(2) tal-Kap. 12 il-kontro-talba għandha titressaq wara l-eċċezzjonijiet għat-talba

[1] L-Artikolu 396 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.
[2] L-Artikolu 398 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.
[3] Sottolienar ta' din il-Qorti.

oriġinali u l-konvenut għandu dwar il-kontro-talba jħares kemm jista' jkun[4], ir-regoli stabbiliti b'dan il-Kodiċi jew b'xi liġi oħra għall-att proċedurali li bih il-proċedimenti kienu l-ewwel inbdew.

Din il-Qorti tqis illi fil-każ odjern dan il-provvedimenti tal-Artiklolu 398 tal-Kap. 12 ġew osservati mis-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti, kemm għax il-kontro-talba tressqet wara l-eċċezzjonijiet għat-talba oriġinali kif titlob il-liġi u kif ukoll għax fil-kontro-talba tħares kemm jista' jkun ir-regoli stabbiliti għall-att proċedurali li bih kienu nbdew l-ewwel il-proċedimenti, u ċjoè ir-rikors ġuramentat.

Il-liġi[5] tipprovdi wkoll illi meta kontro-talba ssir fir-risposta ġuramentata, din tkun tiswa daqs preżentata ta' rikors ġuramentat dwar dik it-talba. Fil-każ odjern wara li resqet l-eċċezzjonijiet tagħha, is-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti iddikjarat b'mod ċar li qed tipprevalixxi ruħha mill-azzjoni promossa fil-konfront tagħha mill-attriċi preżenti biex in virtù tal-Art. 396 tal-Kod. Proċ. Ċiv. tressaq talba rikonvenzjonali, u resqet din il-kontro-talba fil-forma ta' rikors ġuramentat. Anki f'dan ir-rigward Il-Qorti tqis illi d-dispożizzjonijiet tal-liġi dwar il-mod kif għandha tiġi mressqa talba rikonvenzjonali, ġew fil-fatt segwiti mis-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti.

Fi kwalunkwe każ, skont il-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna biex iwassal għan-nullità ta' atti gudizzjarji hemm bżonn li nuqqas ikun tali li ma jistax jiġi tollerat mingħajr ħsara għal xi prinċipju ta' ġustizzja proċedurali. (Ara Appell Ċivili Superjuri **Ellul E. vs Agnese Gera de Petri**, 21 ta' April, 1995).

[4] Sottolienar ta' din il-Qorti.
[5] L-Artikolu 398(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Difett proċedurali ma jġibx in-nullità tal-att jekk il-parti l-oħra ma tbatix xi preġudizzju serju. (Ara **Attard Michael vs Raymond Galea** Appell Ċivili Superjuri, 12 ta' Mejju 1998). Biex tiġi dikjarata nulla ċitazzjoni u jitwaqqaf il-kors tagħha, jinħtieġ li jkunu jikkonkorru raġunijiet gravi, fosthom nuqqasijiet ta' evidenti preġudizzju għad-difiża tal-konvenut. (Ara **Francis Xavier sive Mosè Aquilina vs Carmela sive Lina Aquilina,** Appell Ċivili Superjuri 21 ta' Marzu 1988).

Il-Qrati tagħna mhumiex favur il-formaliżmu esaġerat u fejn jistgħu jsalvaw l-atti u mhux jannullawhom. "Il-prassi segwita mill-Qrati tagħna, anke a bażi tal-emendi introdotti bl-Att XXIV tal-1995, inkluż l-Art. 175 tal-Kap.12 hija li formaliżmu eżaġerat ilu ħafna li ġie mnaqqas u limitat u bir-raġun il-liġi qegħda tkun aktar inklinata li tkompli tillimita l-formaliżmu u n-nullitajiet ta' diversi forom li jnutruh (**"Fino vs Fabri noe"** – deċiża mill-Qorti tal-Appell – 28 ta' Frar 1997; **Malta Development Corporation vs Paul Licari** deċiża mill-Prim'Awla fit-22 ta' April 2004, **Charles Fino vs Alfred Fabri noe Appell** tat-28 ta' Frar 1997, **Maurizio Urso vs Fr. Charles Cini,** deċiża mill-Prim'Awla fid-19 ta' Jannar 1999) u konsegwentement l-atti ghandhom jigu salvati anzichè annullati jew dikjarati nulli (**"Ellul vs Coleiro"** – Qorti tal-Appell – 24 ta' Jannar 1994. Ara wkoll – **"Guillaumier Industries Ltd vs Fava et"** – Prim'Awla tal-Qorti Ċivili – 28 ta' Ottubru 1998, **"Attard noe vs Galea"** – Qorti tal-Appell – 12 ta' Mejju 1998 u **"Aquilina vs Cassar"** – Vol.LXXVI.IV.666).

"Fil-kawza **"Vella vs Cefai"** (Appell Ċivili – 4 ta' Novembru 1991 – Vol.LXXV.II.467) il-Qorti tal-Appell sostniet li meta fl-att taċ-ċitazzjoni jkun hemm vjolazzjoni tal-forma, l-eċċezzjoni tan-nullità taċ-ċitazzjoni tista' tiġi milqugħa biss kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun ġiebet lill-parti li titlob in-

nullità preġudizzju li ma jistax jissewwa xort'oħra ħlief billi l-att jiġi annullat. Inoltre l-Qorti kompliet tafferma li f'dawn il-każi huwa dejjem opportun li l-Qorti, kemm jista' jkun għall-pratticità u sabiex tiġi evitata multiplikazzjoni ta' kawżi u spejjeż żejda, għandha tkun iebsa meta tilqa' l-eċċezzjoni tan-nullità u kemm jista' jkun għandha ssalva atti ġudizzjarji. Att ta' ċitazzjoni għandu jiġi mwaqqa' u annullat biss għal raġunijiet gravi. In-nullità tal-atti ġudizzjarji hija sanzjoni estrema li l-liġi trid li tiġi mposta biss meta n-nuqqas – formali jew sostanzjali – fl-att ma jistax assolutament jiġi tollerat mingħajr ħsara ghal xi prinċipju ta' ġustizzja proċedurali (Ara wkoll sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-6 ta' Frar, 2015 fl-ismijiet **S.M.T. Developers Limited u Bathroom Styles Limited vs. Soap and Sponge Limited).**

Fil-każ odjern, jekk kien hemm xi difett proċedurali fil-forma tal-kontro-talba, dan ma kienx tali li jġib in-nullità tal-att 'l għaliex ma jistax jingħad li dan id-difett proċedurali jġib miegħu għall-parti l-oħra xi preġudizzju serju. Din il-Qorti hija tal-fehma li f'dan il-każ ma jikkonkorrux raġunijiet gravi, ċjoè nuqqasijiet ta' evidenti preġudizzju għad-difiża tas-soċjetà attriċi rikonvenzjonata

Fuq kollox huwa l-Artiklu 789(1)(ċ) tal-Kap. 12 stess (eċċezzjoni ta' nullità ta' atti ġudizzjarji) li jgħid li "l-eċċezzjoni ta' nullità tal-atti ġudizzjarji tista' tingħata jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma meħtieġa mil-liġi, ukoll jekk mhux taħt piena ta' nullità, kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun ġiebet, lill-parti li titlob in-nullità, preġudizzju li ma jistax jissewwa xort'oħra ħlief billi l-att jiġi annullat".

Din il-Qorti tqis illi anki jekk, għas-saħħa tal-argument, kien hemm xi vjolazzjoni tal-forma meħtieġa mil-liġi għall-kontro-talba tas-soċjetà konvenuta

rikonvenzjonanta, din ma kinitx tali li ġabet preġudizzju lis-soċjetà attriċi rikonvenzjonata li ma jistax jissewwa xort'oħra ħlief billi l-att jiġi annullat.

**Decide**

**Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda tiċħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari tas-soċjetà attriċi rikonvenzjonata għall-kontro-talba tas-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanta, bl-ispejjeż riżervati għall-ġudizzju finali dwar il-kawża fil-mertu bejn il-partijiet.**

Moqrija

**Onor. Dr. Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Frederick Stagno Navarra**
**Dep. Reġ.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------